KLR 38/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 28 ta' Awwissu 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-membri Joe Debrincat, Josephine Cassar, Marcel Tabone u Michel Buttiġieġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membru Josef Schembri.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Monti

i. Il-membri qablu li għandhom jerġgħu jinżebgħu l-kaxxi tal-monti fi Pjazza Indipendenza;
*ii.* Tressaq il-meterjal fejn juri li sar it-trasferiment ta' kaxxa numru 6 fuq Angela Vella (61857G) u tħallsu € 2,329.37 lid-Dipartiment tat-Trade;
*iii.* Sue Ellen Mizzi (39085G) tablet sabiex tiġi assenjata lilha kaxxa ġdida minn tal-monti;
*iv.* L-Avv. Noel Camilleri kiteb għan-nom ta' Joseph Portelli li jokkupa kaxxa 3 fuq il-monti. Ġibed l-attenzjoni li l-klijent tiegħu għandu kawża kontra Mario Azzopardi. Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill qabel li jsir trasferiment tal-kaxxa ta' dan ta' l-aħħar. Joseph Portelli qed jgħid li l-Kunsill għamel dan it-trasferiment u l-kaxxa ta' Azzopardi ġiet qrib il-kaxxa ta' Portelli. Il-Kunsill qabel li jibgħat il-korrispondenza lill-avukata biex tagħtina parir legali;
*v.* Tressqet korrispondenza mingħand l-Ombudsman rigward ilment li resqet Linda Cassar. Din talbet kaxxa ġdida minn dawk li mhux qed jintuzaw fuq il-monti. Il-Kunsill għandu jieħu pożozzjoni fuq il-fatt li kaxxa tista' tittieħed jekk bejjiegħ tal-monti jagħmel sitt ijiem ma jarmax. Għall-monti tar-Rabat din għandha tkun tapplika biss fil-ġranet tas-sajf u tali emenda tressqet mis-Sindku lill-Onor. Dr. Chris Said għal konsiderazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel bagħat l-ittra lill-avukata biex tħejji risposta;
*vi.* Il-membri ġew mgħarrfa li Joseph Buġeja, bejjiegħ tal-ħut fi Pjazza Indipendenza, fetaħ kawża kontra l-Kunsill rigward l-ispostament tal-posta li hu jokkupa. Il-Kunsill qabel li jibgħat il-korrispondenza lill-avukata Grech.

1.2 Il-membri qablu li tintbgħat ittra ta' ringrazjament lill-bejjiegħa tal-monti fejn il-Kunsill juri l-apprezzament tiegħu tal-koperazzjoni li sab minn naħħa tal-maġġoranza tagħhom. Għandhom jiġu nfurmanti wkoll li din id-dixxipplina u s-sorveljanza ser tibqa' tinżamm kostanti.

1.3 Dwar ir-riforma fil-Kunsilli Lokali is-Sindku għarraf lill-membri li saru żewġ laqgħat ma l-eks-Sindki tar-Rabat. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat fuljett f'kull dar fir-Rabat fejn ir-residenti jiġu nfurmati bil-proposti li l-Kunsill qed iressaq u anke' jilqa' s-suġġerimenti u l-proposti tar-residenti. Il-membri qablu. Il-Ġimgħa 3 t'Ottubru imbgħad ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubblika li għaliha jattendi l-Onor. Dr. Chris Said.

1.4 Il-membri ġew infurmati li saret l-ewwel laqgħa tal-kumitat tal-ġemellaġġ b'rappreżentanza ta' l-NGOs u għaqdiet oħra Rabtin. Din saret nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2008 fis-7.15 ta' filgħaxija.

1.5 Dwar l-Audio Visual Panel, il-membri qablu li din tinqala' għall-attivitajiet ta' Jum il-Ħelsien u tal-Karinval.

## 2. Pjazza San Ġorġ

Is-Sindku qal li kien infurmat li l-finanzjament sabiex isir ix-xogħol tal-pavimentar ta' Pjazza San Ġorġ dalwaqt għandu jiġi approvat mill-fond tal-MEPA ta' l-EIPP. Saret laqgħa ma rappreżentanti mill-Enemalta, Go , Melita Cable u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Din biex jiġu identifikati minn qabel il-problemi li jistgħu jinqalgħu sabiex il-*wires* jiġu mgħoddija minn taħt l-art. Ser issir laqgħa oħra mar-residenti, fil-preżenza tal-Perit u ta' dawn ir-rappreżentanti.

Il-membri qablu li waqt li jkun hemm ix-xogħol għaddej għandu jkun hemm aċċess madwar il-pjazza. Barra minn hekk minn iħott il-merkanzija għandu jkun infurmat li t-trukk tiegħu ma jistax ikun jerħi likwidu bħal ma hu żejt.

## 3. Fiera f'Nichelino

Il-membri qablu li jipparteċipaw fil-fiera ta' artiġjanat li tiġi organiżżata f'Nichelino. Il-kunsilliera li ser jitilgħu l-Italja ser jieħdu magħhom prodotti gastronomiċi u tipiċi Għawdxin. Din ser tkun bejn l-24 u t-28 ta' Settembru 2008.

## 4. Ħin ġdid propost għall-ġbir ta' l-iskart fiċ-Ċentru tar-Rabat

Il-membri qablu li jinbidel il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Dan wara diskussjonijiet ibbażati fuq talbiet ta' bosta residenti. Mis-6 ta' Ottubru 2008 il-ġbir ser jibda jsir wara l-16.15.

## 5. Kuntratt tat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi

Il-membri qablu li dan il-kuntratt jiġġedded għal sena oħra u jista’ jiġġedded anke’ s-sena d-dieħla. Max-xogħol li jsir fil-latrini, il-kuntrattur qabel li jieħu ħsieb it-tindif ta’ l-uffiċċini tal-Kunsill, it-tindif tas-*cigarette disposal bin* li hawn quddiem il-Banca u anke’ t-tisqija tal-qsari ta’ quddiem il-Banca. Dan għandu jagħmlu bl-istess flus stipulati fil-kuntratt iffirmat madwar sena ilu.

## 6. Korrispondenza

Tressqet din il-korrispondneza mingħand:-

6.1 Salvu Debono u Tarċisjo Mercieca fejn talbu permess għall-*un/laoding* quddiem il-ħanut tagħhom fi Triq Fortunato Mizzi. Din it-talba ser tintbgħat lill-Awtorita Dwar it-Trasport (ADT);

6.2 Carmelina Cassar fejn ma tridx li bozza fi Triq San Duminku terġa teħel fejn kienet;

6.3 l-ADT fejn tressqu żewġ talbiet għall-permess ta’ parkeġġ ta’ persuni b’diżabilita’ ta’ Antonia Mercieca ta’ 75, Triq Enriko Mizzi u ta’ Gertrude Portelli ta’ 67, Triq ta’ Wara s-Sur. Il-formoli għandhom jimtlew u jintbgħatu mill-Kunsill;

6.4 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fejn talab lill-Kunsill sabiex jibgħat kopja ta’ l-ittra li ntbgħatet lir-residenti ta’ Triq Borġ Geritu rigward il-bdil ta’ l-isem ta’ din it-triq u jintbgħatu wkoll ir-raġunijiet li r-residenti ġabu bħala oġġezzjoni għal bidla ta’ dan l-isem. Il-membri qablu li jintbgħatu dawn id-dettalji;

6.5 l-OASI fejn taw dettalji rigward il-premju Żgħażugħ tas-sena 2008;

6.6 id-Drettur għall-Gvern lokali fejn għarraf lill-Kunsilli li għal issa l-iskema tal-Parkeġġ ikkontrollat ġiet sospiża skond Artkolu 80 ta’ l-Att dwar il-Kunsill Lokali;

6.7 is-Segretarjat Palramentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita’ fejn taw dettalji rigward il-premju Anzjan tas-Sena 2008;

6.8 l-ADT fejn intbgħat ir-rapport dwar ix-xogħolijiet li saru fi Pjazza J F Kennedy;

6.9 il-Victoria Scout Group fejn talbu l-permessi meħtieġa sbiex jagħmlu parata biex jiċċelebraw l-mitt sena mit-twaqqif tagħhom. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

6.10 Ing. John D. Mizzi fejn talab biex qabel ma tinbidel rampa fi Triq Ġanni Vassallo, li hu qed issostni li parti minnha tinsab quddiem il-propjeta' tiegħu, il-Kunsill għandu jitkellem miegħu. Billi hemm kwsitjoni legali bjen John D. Mizzi u Carmela Mericieca li hi l-ġara tiegħu u li tablet sabiex titranġa din ir-rampa, il-membri qablu li jinġabu d-dettalji ta' din il-kawża mingħand l-Avukat tal-Kunsill li hi ukoll l-avukat ta' Carmela Mercieca;

6.11 Il-Minsteru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fejn taw dettalji rigward il-European Enterprise Awards.

**7. Materji oħra**

Is-Sindku għarraf lill-membri li :-

7.1 l-Kunsill għandu jorganiżża attivita' għall-anzjani li jinsabu fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Dawn huma kollha residenti Rabtin. Il-membri qablu li tiġi kkuntatjata Antonella Żammit li hi fiżjoterapista mir-Rabat u li tieħu ħsieb torganiżża attvitajiet soċjali lil dawn l-anzjani.

7.2 bagħat il-proposti tal-Kunsill għal pre-budget 2009 li jinkludu l-parkeġġ, ir-ring road u r-rijabilitazzjoni tac-centru storiku ta' Beltna;

7.3 bagħat ukoll talba oħra lill-Prim Ministru sabiex il-Banca Giuratale taqa' kollha f'idejn il-Kunsill tar-Rabat;

7.4 ġew approvati proġetti ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn huma il-proġett koordinat mal-Meram u l-proġett Leonardo da Vinci;

7.5 għandu talba sabiex bozza li tinsab fil-bidu ta' Triq l-Imgħallem tinbidel u jsir fanal minfloka. Din peress li fil-bidu tat-triq hemm id-djar antiki u jekk isir fanal ikun jixraq aktar ma l-ambjent. Il-membri qablu li ssir talba lill-Minsteru għal Għawdex peress li din it-triq hi arterja;

7.6 qed jissuġġerixxi li ssir bozza ġdida fi Triq Ninu Cremona kantuniera ma Triq Ġużè' Labre'. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-aħwa Caruana sabiex il-bozza tkun tista' teħel mal-propjeta' tagħhom. Il-kuntratturi tad-dawl ser jiġu nfurmati bid-dettalji sabiex issir l-applikazzjoni ma' l-Enemalta.

7.7 Is-Seg. Eżekuttiva ressqet il-kontijiet li tħallsu dawn l-aħħar tlett xhur u ġew approvati dawk tax-xahar ta' Settembru 2008.

7.8 Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-membri li bagħatet korrispondenza lill-MEPA rigward appliakzzjoni numru 02662/08 ta' Joseph Cutajar għan-nom tal-Korporazzjoni Enematla fejn intalab li ssir trinka fi Triq il-Mitħna. Jekk jinħareġ il-permess it-tarmac ta' din it-triq għandu jitħalla kif inhu fil-preżent. Ix-xogħol tal-kisi ta'din it-triq tlesta fl-2004.

7.9 Inġibdet l-attenzjoni rigward il-ħmieġ li tħalla wara l-attivita' li saret fi Pjazza Indipendneza u organiżżata mill-S.K. Victroai Wanderers nhar is-Sibt 28 ta' Awwissu 2008. Il-membri qablu li meta jintalbu permessi simili, il-Kunsill għandu jitlob garanzija fi flus għat-tindif tal-post wara l-attivita'.

7.10 Inħareġ permess sabiex issir tiġrija taż-żwiemel fil-qasam ta' bejn ix-Xewkija u Triq Għajn Qatet. Din għas-Sibt 13 ta' Settebmru 2008 bejn is-14.00 u l-16.00. L-applikant għandu jħalli garanzija għat-tindif ta' €300.

7.11 Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa li saret ma' l-Onor. Dr. Chris Said Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni. Din saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2008.

7.12 Inħareġ permess sabiex jiġi organiżżat BBQ mill-Victoria Hotspurs FC fil-*playing field* f'taċ-Ċawla. L-applikant għandu jħalli garanzija ta' €100 għat-tindif tal-post wara l-attivita'.

7.13 Ġiet approvta sitma ta' Sunny Vella sabiex iħammel parti mill-Wied ta' Kerċem. Dan għall-prezz ta'€1000 VAT inkluża.

7.14 Ġiet approvata stima ta' Joe Grima sabiex jagħmel *gutter* li jilqa' l-ilma tax-xita fi Triq l-Assunta kantuneira ma' Triq Santa Marija. Dan ix-xogħol għall-prezz ta' €481.01 VAT inkluża.

7.15 Il-membri qablu li tiġi emendata l-pjanta tat-tisbiħ fi Pjazza Sant' Wistin li għandha tinkludi traffic management differenti. Il-Perit Scerri għandu jiġi mgħarraf b'dan.

7.16 Is-Sindku suġġerixxa li l-Kunsill jieħu l-parir ta' l-Avukat sabiex issr bye-law li tkun timpedixxi li jsir it-tfaqqieħ kontra l-għasafar maġenb id-dwieli. Dan minħabba l-ilmenti li qed isiru minn pazjenti li jkunu fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-Membri qablu ma dan anke' minħabba l-fatt li l-Gvern qed jissussiedja xbieki li jgħattu d-dwieli u l-agħsafar ma jmissux l-għeneb.

7.17 Il-membri qablu li jkun membri fl-Aalbor Charter. Dan iċ-Charter jirresponsabbilizza iktar lill-Kunsill sabiex ikun iktar konxju mill-impatti ambjentali ta' kull inizjattiva li jkun sejjer jieħu. Il-Kunsill jemmen li dan hu pass għaqli fi żmien meta l-kuxjenza ambjentali hi fuq quddiemett ta' l-aġenda fuq livell nazzjonali.

7.18 Sar qbil li tinġbied l-attenzjoni ta' sid l-iskmmel li jiġbor l-iskart domestiku mill-Fontana u minn Kerċem. Dan minħabba li qed iħalli l-ħmieġ fit-Telgħa ta' Majru.

7.19 Is-Sindku għarraf lill-membri li grupp ta' persuni Maltin li jagħmlu re-enactments tal-ġlied li sar mill-Maltin mal-Franċiżi taħt it-tmun ta' l-Arċ . Saver Cassar jixtiequ jorganiżżaw attivita' fir-Rabat fl-okkażżjoni ta' għeluq tal-mitejn u għaxar anniversarju minn dan l-avveniment. Il-membri qablu jintalbu reklami mingħand il-Ministeru responsabbli mill-Kultura, mill-Ministeru responsabbli mit-Turiżmu u mill-General Soft Drinks u minn Charles Grech Co. Ltd.

Il-laqgħa ntemmet fis-13.30 u laqgħa oħra ser isir nhar il-Erbgħa 1 ta' ottubru 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |